l-orizzont

Right Deal Ltd. Domestic Appliances, Household Goods, TVs & So-Safe Water Filtration Systems
e-mail: rightdeal@maltanet.net
Pjazza Gavino Gulia, Bormla Tel: 21800638; Fax: 21664286
Birkirkara By-Pass, Iklin-Lija Tel: 21418812; Fax: 21418813

www.l-orizzont.com

Il-Ġimgħa 1 ta' Frar 2008










# L-Imdina u San Giljan ... Il-preferuti mal-kriminali

**minn Victor Vella**

Li kieku kelli nistaqsikom x'hemm komuni bejn San Ġiljan u l-Mdina persważ li żgur li se tarawha ftit stramba li ssib li hemm xi ħaġa komuni bejniethom. Dan għax il-postijiet huma differenti totalment, wieħed magħruf għat-traffiku u kummerċ u l-oħra bħala "l-Belt siekta". Wieħed hu lokal li kiber ħafna riċentament u l-oħra l-belt l-antika. Forsi jkun hemm min jgħid li ż-żewġ lokalitajiet iżuruhom ħafna nies u turisti. Ma' dawn tridu żżidu il-kriminali. Kemm San Ġiljan kif ukoll l-Imdina, jiġu fl-ewwel postijiet f'dak li hu riskju ta' kriminalità.

B'mod ġenerali jidher biċ-ċar, li ż-żoni turistiċi huma l-aktar imfittxijin mill-kriminali kemm għas-serq mid-djar, 'pickpocke-ting', serq mill-karozzi u kriminalità oħra. Ir-riskju f'dawn il-postijiet bl-Imdina magħhom, hu deskritt bħala "għoli ħafna – jiġifieri bejn darbtejn u ħames darbiet aktar mir-rata tar-riskju nazzjonali". Minkejja li San Ġiljan u l-Imdina, ilhom sa mis-sena 1998 jidhru li huma fost dawk bl-akbar riskju ta' kriminalità, dawn baqgħu fl-istess pożizzjoni sas-sena li għaddiet, bil-mistoqsija li tqum hi dik ta' kemm qiegħda tkun effettiva s-sorveljanza tal-Pulizija f'dawn iż-żoni.

Analiżi mifruxa fuq għaxar snin tal-kriminalità f'Malta, liema analiżi tħejjiet permezz ta' apparat 'state of the art' imsejjaħ Geographical or Spatial Information Systems (GIS) b'informazzjoni li tasal għand il-Pulizija Maltija, Dr Saviour Formosa, juri r-riskji ta' kriminalita f'ċerti bliet u rħula, u żoni speċifiċi fihom.

Ir-riskju ta' kriminalità fit-totalità tagħha

Jekk wieħed jieħu l-kriminalità fit-totalità tagħha, jiġifieri li tiġbor kollox, naraw li mill-analiżi jirriżulta li fis-sena 1998 il-post bl-ogħla riskju ta'

**IT-TEMP** - 1/2/2008

**Rapport tat-Temp:** Il-bicca l-kbira sabih li jsir ftit imsahhab

**Viżibilita`:** Tajba

**Temperatura:**
L-oghla: 17°C
L-inqas: 12°C

**Indiċi UV:** 3

**Riħ:** Hafif ghal moderat mil-Lbic

**Baħar:** Hafif

**Temperatura tal-baħar:** 16°C

Għall-aġġornament tat-temp agħfas hawn.

wotz up




GWU MALTA
UNION PRESS CO. LTD
Union Print Co Ltd.

kriminalità – li jfisser li r-riskju fih hu ta' ħames darbiet tar-rata nazzjonali, kien San Ġiljan. Warajh ġie San Pawl il-Baħar, l-Imdina, il-Floriana, il-Belt Valletta u Ta' Xbiex.

Fis-sena 1999, irriżulta li San Ġiljan baqa' bl-ogħla riskju u warajh b'riskju ta' kriminalità deskritt bħala "għoli ħafna" li jfisser riskju ta' bejn darbtejn u ħames darbiet ir-rata nazzjonali, ġew San Pawl il-Baħar, l-Imdina, Floriana, Valletta u Ta' Xbiex. F'din is-sena, fir-riskju għoli ħafna daħlu ukoll il-Pietà u Ta' Xbiex.

Fis-sena 2005 - 2006

Jekk nieħdu s-snin 2005 u 2006, naraw li San Ġiljan u l-Imdina baqgħu jkunu fl-ewwel żewġ postijiet fejn jidħol riskju ta' kriminalità. San Ġiljan li dejjem issibu bil-kulur aħmar fuq il-mappa, jfisser li jinsab bl-ogħla riskju u l-Imdina b'riskju għoli ħafna. Fis-sena 2005 b'riskju għoli ħafna insibu lil San Pawl il-Baħar, il-Belt Valletta, il-Floriana u Tas-Sliema. Fis-sena 2006, l-istess postijiet baqgħu l-aktar postijiet b'riskju ta' kriminalità. Ta' min jgħid li kuntrarjament għas-snin 1998-1999, is-snin 2005-2006 daħlet fir-riskju għoli ħafna, Tas-Sliema, post ieħor turistiku.

Postijiet b'riskju għoli ta' kriminalità għas-sena 2006 insibu lil Ta' Xbiex, il-Gudja, il-Mellieħa, l-Imsida, San Lawrenz, Pembroke, il-Marsa, Wied il-Għajn, il-Pietà, il-Munxar, Birżebbuġa, Raħal Ġdid u l-Birgu.

Ir-riskju ta'

serq mid-djar

Fuq dan il-punt, l-analiżi turi riżultati li nbidlu kompetament bejn is-snin 1998-1999 u 2005-2006. Naraw li fis-sena 1998, ix-Xgħajra u San Pawl il-Baħar kienu ġew klassifikati bħala postijiet bl-ogħla riskju ta' serq mid-djar. Warajhom, klassifikati bħala b'riskju għoli kien hemm San Ġiljan, Għasri, Żebbuġ Għawdex, Swieqi, Ta' Xbiex, Wied il-Għajn, Munxar u l-Mellieħa. Fis-sena 1999, il-klassifika nbidlet ftit billi San Pawl il-Baħar ġie klassifikat bħala li hu bl-ogħla riskju għal serq mid-djar waqt li x-Xgħajra ġiet klassifikata bħala b'riskju għoli ħafna flimkien maż-Żebbuġ Għawdex, San Ġiljan, Munxar, Swieqi, Għarb u l-Mellieħa. Wied il-Għajn u Ta' Xbiex ma baqgħux klassifikati bħala li huma f'riskju għoli.

Għas-snin 2005 u 2006, il-klassifika ta' liema rħula u bliet huma fl-ogħla u f'riskju kbir ħafna ta' serq minn proprjetà inbidlet. Dan hekk kif fis-sena 2005, San Lawrenz ġie deskritt bħala l-post bl-akbar riskju. Warajh b'riskju




ROTI Magażin ta' l-orizzont
MADARNA djar, bini u kostruzzjoni

għoli ħafna ġew il-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u San Ġiljan. Għas-sena 2006, kien San Ġiljan li kien deskritt bħala l-post bl-akbar riskju ta' serq minn proprjetà u warajh b'riskju għoli ħafna ġew l-Imdina, San Pawl il-Baħar, il-Belt Valletta, il-Floriana u Tas-Sliema.

Il-postjiet b'riskju kbir li jisirqulek il-karozza jew ta' ġo fiha

Fejn jidħol ir-riskju tas-serq mill-karozzi naraw li fis-sena 1998, San Ġiljan, kien klassifikat bħala bl-ogħla riskju għal din it-tip ta' kriminalità u warajh ġew l-Imdina, il-Floriana, Wied il-Għajn, San Pawl il-Baħar, Pietà, Ta' Xbiex u l-Mellieħa.

Jekk nieħdu s-sena 2005, naraw li l-Imdina u San Ġiljan, ġew klassifikati bħala l-ogħla riskju ta' serq ta' karozzi u affarijiet ta' ġo fihom. Warajhom deskritti b'riskju għoli ħafna ġew il-Floriana, Pietà, San Pawl il-Baħar u l-Belt Valletta. Għas-sena 2006, San Ġiljan ġie deskritt bħala l-ogħla riskju, u warajh ġew l-Imdina, San Pawl il-Baħar, il-Belt Valletta, il-Floriana u Tas-Sliema.

Postijiet klassifikati bħala b'riskju għoli li fihom isir serq mill-karozzi huma Ta' Xbiex, Gudja, Mellieħa, Msida, San Lawrenz, Pembroke, Marsa, Wied il-Għajn, Pietà, Munxar, Marsaxlokk, Birżebbuġa, Raħal Ġdid u l-Birgu.

---

**Ikkummenta dwar dan l-Artiklu** **Fuq**

**Artikli oħrajn fis-sezzjoni Ahbarijiet**


**Malta fil-Qorti Ewropea: Passi biex ma ssir ebda kaċċa fir-rebbiegħa 2008**

**Jintlahaq ftehim biex il-Marsalite thallas l-arretrati tal-kera**

**Wara li l-maltemp qala' t-tarmak fix-Xemxija...Beda mill-ġdid ix-xogħol fuq it-tarmak**

**Ir-reazzjonijiet tal-Gvern Malti, BirdLife u l-FKNK**

**Aktar passi kontra Malta mill-KE**

**Il-GWU turi sogħba għall-mewt ta' Joe Gerada**

**Il-PBS ġabuh għodda partiġġjana – Alfred Sant**

**Jirriżenja s-Sindku tar-Rabat**

**Imut ir-raġel involut fl-aċċident ta' l-Isla**

**Bdil ta’ bolli denominati biss bil-lira Maltija**

**Ftehim Kollettiv ġdid għall-UPAP**




WÜRTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS
PARTNER OF THE AUTOMOTIVE, WOOD, METAL AND INDUSTRY TRADE
WURTH LTD., WURTH HOUSE, TRIQ IL-MASGAR, QORMI. QRM09
(tel: +356 21494604; fax: +356 21441081;
e-mail: sales@wuerth-malta.com; website: www.wurthmalta.com)
WURTH LTD., TRIQ SANTA TEREZA,
COSPICUA. CSP01
(tel: +356 21826271)

Chemimart GROUP OF COMPANIES A Good Sense of Well-being!